MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Numru. 940/2004

Il-Pulizija
Spettur Daniel Zammit
vs
Maria Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli nhar is-Sibt 9 ta' Settembru 2004, gewwa l-Gzira ghall-habta ta' 11.30 ta' filghodu serqet minn gewwa r-residenza ta' Antonio Pace, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 461913M, gewwa 211, Triq ix-Xatt, Gzira, is-somma ta' sebghin lira Maltin (LM 70), u dan bi ksur tal-artikoli 261, 268, 269 (g) u 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma ghandhiex azzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata twiegeb illi hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 meta kienu qeghdin isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, issib lill-istess imputata hatja ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(d), 268, 269(g), 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta, il-fatt illi ikkopperat mal-Prosekuzzjoni matul l-investigazzjoni kollha, kif ukoll il-fatt illi irregistrat ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellha, sabiex b'hekk evitat illi issir il-kumpilazzjoni, u f'dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, u tara li jkun ferm aktar opportun kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberaha, tobbligaha li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------